**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 431/2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs**

**Roanna Mallia**

**Illum, 7 ta' Novembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Roanna Mallia**, detentur tal-karta tal-identita' numru 508090M."

Akkuzata talli:

> "fit-23 ta' Settembru 2017 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' billejl (23:30Hrs) u ftit qabel, waqt li kont fis-San Antonio Hotel ta' Triq

it-Turisti San Pawl il-Baħar, kkommettejt serq ta' flus kontanti għad-detriment ta' Gabriel Gatt detentur tal-karta tal-identita' numru 588190M u Daniel Lee Dand detentur tal-karta tal-identita' numru 124360A rispettivament, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' iżjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u cioe' ċirka €700, u bil-persuna u bil-ħin, ai termini tal-Artikoli 261, 267, 268, 270, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"

Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ksirt il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 meta kont ġejt illiberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin, mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D, nhar it-12 ta' April 2016, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Rat l-ammissjoni tal-imputata;

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata Roanna Mallia regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien ragonevoli tirrikonsidra il-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess fejn tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 270, 279 u 280 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra taghha u l-istqarrija tal-imputata minn fejn jirrizultaw ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna, l-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja mhix idonea fil-kaz odjern u ghalhekk tittratta mal-imputata billi tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba kontra taghha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tliet snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur